**FIT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR**

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
26 AUG 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Appell bin-numru:**

**Fl-ismijiet:**

**Luana Arena Micallef (ID 530284M)**

**Vs**

**Environment and Resources Authority**

**Appell ta' Luana Arena Micallef (ID 530284M)** ***ai termini*** **tal-artiklu 63 tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta**

**Numru tal-applikazzjoni: EP 1000/21**

Tesponi bir-rispett:

Illi permezz tad-deċiżjoni tal-Environment and Resources Authority ("ERA") illi (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok "LM1"**) l-appellanta ngħatat permess '*to operate a laundry and dry cleaning installation in Naxxar*'.

Illi madankollu dan il-permess huwa soġġett għall-kundizzjoni illi l-appellanta tagħti garanzija bankarja fl-ammont ta' sebat elef u sitt mitt Euro (€7,600) kif ukoll tħallas multa fl-ammont ta' ħamest elef, tlett mija, u tletin Euro (€5,330).

Illi l-appellanta tħossha aggravata minn din id-deċiżjoni proprju fir-rigward tal-kundizzjonijiet suċitati u għaldaqstant qiegħda tintavola l-appell odjern għas-segwenti raġunijiet:

1. Illi *in linea* preliminari, il-proċedura dwar in-notifika tad-deċiżjoni in kwistjoni ma ġietx segwita mill-ERA, u dan in vista' tal-fatt illi d-deċiżjoni meħuda mill-ERA fit-23 ta' Lulju 2021 u l-avviż ta' tali deċiżjoni ta' nhar is-27 ta' Lulju 2021 ma ġewx ippubblikati u lanqas notifikati regolarment lill-appellanta skont kif jipprovdi l-artikolu 13 tal-Kap 551 tal-Liġijiet ta' Malta. Kienet biss kumbinazzjoni illi l-appellanta saret taf b'tali deċiżjoni nhar it-23 t'Awwissu 2021;

2. Illi fil-mertu u fir-rigward tal-penali imposti fl-ammont ta' ħamest elef, tlett mija u tletin Euro (€5,330), l-appellanta tissottometti illi dina hija inġusta u mhux ġustifikata u dan għar-raġunijiet li ser jiġu trattati waqt dana l-appell u *inter alia* s-segwenti:

   (i) Illi fl-14 ta' Diċembru 2020, l-appellanta ġiet notifikata b'ordni ta' waqfien *ai termini* tal-artikolu 78 tal-Kap 549 tal-Liġijiet ta' Malta (kopja ta' liema qiegħda tigi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok LM2**') fuq l-istabilliment tagħha fin-

Naxxar minħabba illi kien hemm apparat tad-*dry-cleaning* illi ma kienx kopert bil-permess relattiv;

(ii) Illi wara n-notifika tal-ordni ta' waqfien surreferita, l-appellanta intavolat appell quddiem dan it-Tribunal nhar l-24 ta' Diċembru 2020 *ai termini* tal-artikolu 76 (9) tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta (kopja ta' liema qiegħda tigi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok LM3**'), permezz ta' liema l-appellanta kkontestat l-validita` tal-ordni ta' waqfien (referenza tal-appella: 07/2021). Pertinenti jingħad illi din il-proċedura għadha pendenti quddiem it-Tribunal u dan hekk kif testwalment jirriżulta mill-minuti tal-aħħar seduta (kopja ta' liema qiegħda tigi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok LM4**');

(iii) Illi wara l-intavolar tal-appell minn ordni ta' waqfien, l-ebda multi ta' kuljum ma kellhom jiddekorru peress illi l-mertu tal-appell għadu pendenti u għalhekk mhux finali;

(iv) Illi *in ogni* każ u mingħajr preġudizzju, wara l-intavolar tal-appell, l-appellanta pproċediet billi tirrimedja l-pożizzjoni tagħha billi ssottomettiet applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess sabiex tkun tista' topera *dry-cleaning machine* fl-istabbiliment tagħha fin-Naxxar (kopja ta' liema qiegħda tigi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok LM5**'). In vista' ta' dan, il-multi ta' kuljum kellhom ikunu sospiżi ta' lanqas mid-data tal-intavolar tal-appell bin-numru 07/2021 sad-data tad-deċiżjoni skont l-artikolu 8 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.72, partikolarment ukoll meta kien hemm dewmien waqt l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess min-naħa tal-ERA stante illi bdiet titlob dokumentazzjoni ulterjuri (kopja ta' liema qiegħda tigi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok LM6**'). Illi huwa ferm inġust u oppressiv illi waqt l-applikazzjoni u dewmien min-naħa tal-ERA l-appellanta sofriet multi ta' kuljum;

3. Illi *in ogni* każ, l-ordni tal-waqfien u l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-permess għandhom jinżammu separati u distinti kwantu illi huma estraneji minn xulxin, għajr il-fatt illi jaqaw taħt l-istess kompetenza tal-ERA;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ERA għandha tipprovdi *breakdown* tal-multi għal kull ġurnata imposti minnha (kopja tal-fattura qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok LM7**');

5. Illi fir-rigward tal-garanzija bankarja, l-appellanta tissottometti illi din il-kundizzjoni imposta fuq l-ħruġ tal-permess relattiv hija inġusta u rraġonevoli, jekk mhux ukoll illegali stante illi l-liġi ma tipprovdix għaliha, kif jipprovdu korp ta' regolamenti u liġijiet oħra bħalma hi l-leġislazzjoni sussidjarja 549.89 dwar l-Immanniġġar tal-Iskart;

6. Illi *in ogni* każ, il-garanzija bankarja hija eċċessiva, speċjalment meta wieħed jikkunsidra l-valur ta' garanziji bankarji oħrajn imposti mill-ERA fuq operaturi oħra fl-istess qasam;

7. Illi kif ser ikun ippruvat waqat it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-appellanta implimentat diversi miżuri sabiex tnaqqas l-impatt tal-operat tagħha, liema miżuri huma magħrufa mill-ERA u kellhom jkunu relevanti meta l-ERA ikkunsidrat u ddeċidiet rigward l-valur tal-garanzija bankarja.

Għalhekk u għar-raġunijiet suesposti, l-appellanta titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex jirrivedi d-deċiżjoni tal-ERA ta' nhar it-23 ta' Lulju 2021 fir-rigward tal-garanzija bankarja u l-multi għal kull ġurnata imposti fuqha, filwaqt illi jikkonferma dik il-parti tad-deċiżjoni fejn inħareġ il-permess għall-operat.

**Av. Francesca Mifsud**
DF Advocates
Il Piazzetta A, Suite 52
Tower Road, Sliema

Notifika: ERA, Spencer Hill, Marsa MRS 1441